**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 260/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**CARMEL SIVE CHARLES SEYCHELL**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmel sive Charles Seychell talli fis-26 ta'Novembru, 1999, ghal habta tan-12.30 p.m., fi Triq Schembri, Hamrun, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBY 649, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, tajjar lill-Carmelo Vella w involontarjament ikkagunalu offizi ta'natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Mary Rose Cassar M.D., ta' l-Isptar San Luqa. Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex fil-kaz ta'htija, l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 15 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Carmel sive Charles Seychell hati ta' dawn l-akkuzi, u, ghalhekk, ikkundannatu ghall-mitt lira Maltin (Lm100) Multa w ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien xahar mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmel sive Charles Seychell datat 27 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, tilliberah minnhom u minn kull piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament mill-gdid.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-akkuza mressqa kontra l-appellant hija dik li jiddisponi l-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova li l-appellant kien

kolpevoli ta'nuqqas ta'hsieb, jew ta'traskruagini jew li naqas li jhares xi regolament jew regolamenti tat-traffiku meta tajjar jew laqghat lill-Carmelo Vella fic-cirkostanzi msemmija fl-akkuza w ikkagunalu feriti ta' natura gravi *per durata.*

Peress li l-provi li semghet l-ewwel Qorti mhumiex traskritt fl-atti, din il-Qorti kellha tisma' mil-gdid u taht gurament lix-xhieda kollha li originarjament xehdu quddiem dik il-Qorti. Din il-Qorti ma ghamlitx dan l-ezercizzju sabiex tissostitwixxi lilha nnifisha ghall-ewwel Qorti u taqdi funzjoni ta' xi Qorti ta'Prima Istanza, b'mod li tiddeciedi hi jekk l-appellant huwiex hati jew le ta' l-akkuza migjuba kontrih. Dik id-decizjoni tehodha biss l-ewwel Qorti in bazi tal-provi li tkun semghet u analizzat fl-assjem taghhom. Din hija Qorti t'Appell, u, bhala tali, ghandha biss il-funzjoni ta'revizjoni, cioe', li tara jekk in bazi tal-provi li hemm fil-proceduri, setghetx l-ewwel Qorti legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant.

Hu propju ghalhekk li din il-Qorti ukoll tghamel l-apprezzament taghha tal-provi, izda dan tghamlu mhux biex tirrimpjazzah ghal dak li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, imma semplicement biex taqdi l-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti kienx wiehed regolari jew tajjeb li in bazi tieghu dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex tiddikjara w ssib htija fl-appellant.

Kif dejjem gie sostenut, huwa biss eccezzjonalment li din il-Qorti tasal biex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet, u dan tghamlu biss jekk tkun konvinta li l-ewwel Qorti erroneament apprezzat dawk il-provi u li, ghalhekk, kienet konsegwentement waslet ghall-konkluzzjonijiet zbaljati.

Fil-kaz in dizamina, l-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata sewwa tal-provi li semghet u anke kkwotat gurisprudenza, kemm lokali kif ukoll estera, u diversi punti ta'dritt qabel ma waslet biex tghid x'kienu l-konkluzzjonijiet taghha. Is-sentenza appellata hija wahda dettaljata u studjata.

Hawnhekk hemm il-verzjoni ta' l-appellant li jghid li l-vittma, Carmelo Vella, ma kienx fil-karreggjata tieghu waqt li hu kien ghaddej bil-mod hafna jsuq il-bus tieghu, u jallega li dan hareg minn mal-genb tieghu u baqa' diehel fih inaspettatament, bla ma setgha jarah, u minghajr ma kien mistenni. L-appellant jghid li ghalhekk Vella qatt ma setgha kien fil-vizwali tieghu. Imbaghad hemm il-verzjoni tal-prosekuzzjoni li tghid li Vella kien gja' qieghed fit-triq fuq xoghlu li jghamel ta'kuljum fil-hin meta johorgu t-tfal mill-iskola sabiex ma jhallihomx jaqsmu t-triq waqt li jkun hemm dak il-volum ta'traffiku f'dawk l-inhawi, meta intlaqghat fuq in-naha ta'wara ta'persuntu mill-appellant li, allura, skond l-istess prosekuzzjoni, ma kienx qed izomm dak il-'*proper look out* ' mehtieg u necessarju f'dik il-lokalita' u f'dak il-hin partikolari tal-gurnata. Din il-verzjoni tal-prosekuzzjoni hija korroborata principalment mix-xhud okulari ta' l-incident Domenic Attard.

Wara li din il-Qorti ezaminat sewwa l-provi u hasbet fit-tul, hi tara li in bazi tal-provi li tressqu quddiemha, u li hi ghandha tahseb li sostanzjalment huma l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal biex issib htija fl-appellant Seychell. Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, specjalment dawk ta'dritt, l-ewwel Qorti kienet pjenament korretta, u din il-Qorti ma thossx li ghandha xi tghid jew izzid ma'dak li hemm fil-korp tas-sentenza appellata. Bizzejjed tghid li taqbel perfettament ma' l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti, imsahha minn gurisprudenza kostanti, li f'cirkostanzi bhal dawk li fihom kien qed isuq l-appellant, li ma kienux insoliti ghalih, kif del resto hu stess xehed u qal li kien ilu certu zmien jigbor it-tfal minn hemmhekk dak il-hin u kien ben konxju mill-ambjent f'dak il-hin partikolari tal-gurnata, bi triq mimlija b'nies u vetturi, hu kellu l-obbligu fuqu li jzomm dik id-diligenza u dak il-'*proper look out*' fi grad ghola minn dak normali ghal dak kollu li kien qed jigri madwaru. Hu dejjem l-obbligu ta' kull sewwieq ta' vettura li, fi kwalunkwe kaz, dejjem u f'kull hin, izomm '*a proper look out*' ghal dak kollu li hu prevedibbli sabiex dan jigi evitat.

Fil-kaz prezenti, propju minhabba c-cirkostanzi partikolari tieghu, bi triq mimlija nies, tfal hergin mill-iskola, b'vetturi parkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, u traffiku qawwi ghaddej, l-incident li gara kien certament wiehed ferm prevedibbli, u li, ghalhekk, il-buon sens u prudenza kienu jirrikjedu grad superjuri ta' '*a proper look out*' fuq kull sewwieq li jkun ghaddej minn hemmhekk f'dak il-hin. Dawn kienu cirkostanzi li jitolbu kjarament livell aktar ghola ta'sewqan diligenti, prudenti, u b'attenzjoni kbira w kontinwa. Li sewwieq izomm '*a proper look out*' ma jfissirx li jara biss dak li hemm quddiemu fil-vizwali tieghu, izda li jghati attenzjoni wkoll ghal dak kollu li qed jigri madwaru, fuq kull naha tieghu w fil-vicinanzi tieghu, dan dejjem biex jevita dak li hu facilment prevedibbli, bhal ma kien l-incident fil-kaz prezenti.

In-natura w cirkostanzi partikolari f'dan il-kaz, fil-hin ta' l-incident, ma kienux xi haga gdida ghall-apellant, ghar-raguni gja' msemmija qabel. Dawn kienu cirkostanzi, allura, li kienu jirrikjedu minnu aktar prudenza, diligenza w attenzjoni milli kieku kien ghaddej minn xi triq fejn ma kienx hemm cirkostanzi simili. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant huwa respint.

L-ilment l-iehor ta' l-appellant huwa dwar il-piena, li, skond hu, hija wahda severa, specjalment l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar ghaliex din kienet tfisser li ser jitlef xoghlu w hobzu. Hawnhekk din il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni ghaliex ghandha tindahal fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta giet biex tinfliggi l-piena. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li dik kienet piena adegwata, beninja w li hi fil-parametri tal-ligi. Hi piena li turi li l-ewwel Qorti kienet qieset ic-cirkostanza msemmija mill-appellant tat-telfien tax-xoghol tieghu. Dan l-aggravju, ghalhekk, huwa respint ukoll.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Carmel sive Charles Seychell huwa michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur